32004D0837



# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/837/PESK

## tas-6 ta' Diċembru 2004

## dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/210/PESK tal-11 ta' Marzu 2002 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-*budget* għas-sena 2005,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Ammont ta' EUR 17.410.000 li jkopri l-ispejjeż ta' l-operazzjoni ta' l-EUPM fl-2005 għandu jiġi finanzjat b'mod komuni mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-ġestjoni tan-nefqa finanzjata mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-proċeduri u r-regoli tal-Komunità li japplikaw għal dak li għandu x'jaqsam mal-*budget* bl-eċċezzjoni li kull prefinanzjament m'għandux jibqa' propjetà tal-Komunità.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar is-6 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. HOOGERVORST

[1] ĠU L 70, 13.3.2002, p. 1. Konġunta kif emendata l-aħħar 2003/188/PESK (ĠU L 73, 19.3.2003, p. 9).